# Il-Ġeżż tan-Nagħaġ

Ir-raħal (jew aħjar kif kien magħruf fil-Mellieħa - ir-raħħal), idewwem in-nagħaġ tiegħu bl-istess libsa fuqhom għal matul sena sħiħa. Iżda meta joqrob April u l-ewwel ġimgħat ta' Mejju, jaħseb biex iġiżżhom - jiġifieri jaħseb biex iqassilhom il-ġeżża tas-suf minn fuq ġisimhom.

Ir-raħħal iġiżż in-nagħaġ għal żewġ ħsibijiet - l-ewwel għax ikun qiegħed joqrob is-Sajf u n-nagħaġ, jekk tħallihom dik it-tagħbija suf fuqhom, imutu bis-sħana, u t-tieni, biex bis-suf tan-nagħaġ, isiru ħwejjeġ għall-ilbies u gvieret.

It-tqassis tal-ġeżża tan-nagħaġ kien ikun jew fil-magħlaq tan-nagħaġ (li fil-Mellieħa hu magħruf bħala "iċ-ċikken"), jew fid-dar ta' sid in-nagħġa. Il-ġeżż tan-nagħaġ kien u għadu jsir hekk". Ir-ragħaj jaqbad nagħġa, jorbtilha l-erba' saqajn flimkien biex ma titħarriklux, imiddha fl-art, fuq ġenb wieħed, jaqbad il-ġelem (imqass bil-molla), u jibda jqassas is-suf minn ġembha, għal fuq id-dahar, għal fuq l-għonq u għal fuq id-demb. Imbagħad, jaqlibha fuq in-naħa l-oħra u jerġa' jagħmlilha l-istess. Ir-raħħal tas-sengħa jkun kapaċi jagħmel dan ix-xogħol mingħajr ma jweġġa' n-nagħġa, u l-istess nagħġa li tkun marbuta, ma jkollhiex għalfejn la tingħi u lanqas tagħmel reżistenza. X'ħin tkun lesta n-nagħġa, ir-ragħaj iħollilha saqajha mill-irbit, u mill-ewwel tħossha iktar żvelta u aktar żagħżugħa, u hekk, tkun ippreparata għall-miġja tas-Sajf, u taf li mhix se tinkedd wisq bis-sħana.

Ir-raħħal iġiżż in-nagħaġ daqshekk kmieni sabiex, sakemm jasal is-Sajf, in-nagħaġ jerġa' jkollhom ftit suf fuqhom ħalli jkunu jistgħu jirreżistu għall qris tad-dubbien u fittaġni ta' nsetti oħra.

Il-ġeżża, minn taħt idejn ir-ragħaj, toħroġ ħaġa waħda magħquda, ikebbibha u jagħtiha lil sid in-nagħġa. Imbagħad, jekk il-ġeżża tkun se tiġi maħduma, ikun hemm bżonn li tinħasel bl-ilma u s-sapun. Sa ftit snin ilu, kienu jaħslu l-ġeżża bis-sapun aħdar taċ-ċavetta (b'cavetta stampata fuqu). Imbagħad timfxu (billi ġġebbed is-suf minn xulxin u treqqu), tieħu ftit ftit, tqabbdu mal-magħżel, tobormu u jsir ħajt irqiq, biex hekk, ikun lest biex taħdmu bin-newl, jiġifieri tinsġu. Sa madwar 30 sena ilu, mis-suf, kienu jagħmlu l-franelli għall-irġiel tax-xogħol u gvieret għax-xitwa.

Jekk imbagħad, il-ġeżża ma tkunx se tiġi maħduma malajr, allura ma tinħasilx, u titħalla b'dawk il-irwejjaħ tan-nagħġa. Il-ħasil ma jsirx, għal xi raġuni għax sakemm il-ġeżża ma tkunx maħsula u tibqa' fuqha r-riħa tan-nagħġa, il-kamla ma tmisshiex.

Ir-raħħal kien jiġbor in-nagħaġ u l-mogħoż mid-djar, għax tista' tgħid, kull familja kellha l-istalla li fiha setgħet iżżomm xi nagħaġ jew mogħoż, jew kemm nagħaġ u kemm mogħoż. Kont tisma' r-ragħaj fil-għodu kmieni, għall-ħabta tas-6.30, igħajjat fit-toroq biex in-nies ikeċċu n-nagħaġ u l-mogħoż għal warajh, u n-nagħaġ u l-mogħoż kienu mill-ewwel jagħrfuha dik il-vuċi, u huma kienu jwieġbuh mill-istalla tad-dar. Dan kien ikun matul il-Ħarifa, fix-xitwa u fir-Rebbiegħa għax matul is-Sajf, ir-raħħal kien iżżommhom hu fiċ-ċikken. Dan kien jagħmlu għal żewġ għanijiet: l-ewwel biex jieħu l-ħalib tagħhom bħala ħlas billi jagħmlu ġbejniet u jbiegħhom, u t-tieni, biex in-nagħaġ u l-mogħoż ikunu jistgħu jitgħammru.

Matul iż-żmien li r-raħħal kien jiġbor il-merħla mid-djar, il-ħlas tiegħu, għal kull nagħġa u mogħża li jeħodhom jirgħahom, kien ta' "sold" fil-ġimgħa. Iżda ħafna min-nies kienu jagħtuh "żewġ" u anke "tliet soldi" fil-ġimgħa.

In-nagħaġ u l-mogħoż matul is-Sajf, ir-ragħaj ma joħroġhomx flimkien. Wieħed mir-ragħajja joħroġ in-nagħaġ kmieni għall-mergħa u jiġborhom u jerġa' jdaħħalhom fil-magħlaq sat-8.00 ta' fil-għodu minħabba s-sħana, għax, għalkemm mingħajr il-ġeżża tas-suf, madankollu, in-nagħaġ, iħossu ħafna sħana. Imma l-mogħoż, anke fis-Sajf, kapaċi jżommu iżjed fis-sħana, u għalhekk, ragħaj ieħor, ikollu joħroġ bihom anke f'xemx tikwi u għal bosta sigħat.

Xi osservazzjonijiet fuq in-nagħaġ juruna n-natural tagħhom.

(1) In-nagħaġ għandhom is-suf tal-ġeżża tagħhom magħmul żejtni u ma jżommux insetti fih, u jekk xi insetti jazzardaw jinfdu s-suf tan-nagħaġ, huma stess jinqabdu u jimmaljaw u ma jeħilsuhiex ħafif. Għax hu hekk, meta kien ikun hemm x'imkien bil-briegħed u meta kien żmien li ma kienx hawn biex toqtolhom, kont iddaħħal nagħġa f'dak il-post, il-briegħed imorru fuq is-suf tal-ġeżża, jimmaljaw, imbagħad tieħu n-nagħġa x'imkien fl-ilma.

(2) In-nagħaġ "jiddebbnu". "Jiddebbnu" ifisser "jidġezzu" ras ma' ras u jirtassu ma' xulxin ħalli jgawdu daqsxejn dell fis-Sajf.

(3) In-nagħġa "midliela". "Midliela" jfisser meta n-nagħġa jkollha ġeżża twila ħafna kważi tkarkrilha ma' l-art.

(4) Dik l-'għabura". "Għabura" hija dik in-nagħġa żagħżugħa li tkun għadhà mhix mgħammra - tkun għadha ma saritx omm.

(5) "Kabura" tfisser żerriegħa, speċjalment tan-nifel, li jixbah liż-żerriegħa tas-silla, iżda daqsxejn ikbar, li taqbad mal-ġeżża tan-nagħaġ, u minħabba f'hekk, in-nagħġa ma' tidhirx wisq sabiħa.